MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 354/2015

**S&A Quality Assurance Surveyors Ltd**
**C 15407**

**Vs**

**Blue Sea Malta Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi peress illi s-socjeta' attrici S&A Quality Assurance Surveyors Limited toffri fost servizzi ohra, is-servizz relatat ma' lift inspections u certifikazzjoni tal-istess;

U peress illi s-socjeta' attrici rrendiet servizz lis-socjeta' intimate skond id-dokument anness u mmarkat bhala Dok A;

U peress illi s-socjeta' intimate baqghet ma hallsitx l-ammont dovut ta' Elf ewro , mija u hamsa u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,185.90);

U peress illi s-socjeta’ intimate giet debitament interpellata sabiex thallas l-ammont ta’ Elf ewro , mija u hamsa u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,185.90) rapprezentanti f’servizzi moghtija lilha u dan permezz ta’ ittra legali (ara Dok B. anness) kif ukoll permezz ta ittra ufficjali (ara Dok B. anness);

Ghalhekk tghid is-socjeta’ intimata ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux:

1. Jiddikjara li s-socjeta’ intimate hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Elf ewro , mija u hamsa u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,185.90);
2. Tordna lill-istess socjeta’ intimata sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Elf ewro , mija u hamsa u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,185.90) fi zmien perentorju moghti lilha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata s-6 ta’ Jannar tas-sena 2015 (Dok B.) ta’ Jannar 2015 bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-istess ittra ufficjali, kontra s-socjeta’ intimata, bl-ingunzjoni tal-istess socjeta’ intimata in subizzjoni.

Is-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ipprezentat nota ta’ ammissjoni fit-3 ta’ Gunju, 2015.

In vista ta’ din l-ammissjoni it-Tribunal jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Elf ewro , mija u hamsa u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,185.90) flimkien mal-imghax legali mid-data tas-6 ta’ Lulju, 2014.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------